VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,925, 22 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 377 tal-2017

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 48 u 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu. L.S. 372.25.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

Iżżid regola ġdida 1A mar-regoli prinċipali.

2. Minnufih wara regola 1 tar-regoli prinċipali għandha tiżdied din ir-regola ġdida li ġejja:

"Tifsir.

1A. F'dawn ir-regoli:

"azzjonist" tinkludi soċju jew membru ta' kull korp ta' persuni li għażel li jiġi trattat bħala kumpannija skont l-artikolu 27(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u sakemm dik l-għażla tibqa' fis-seħħ;

Kap. 372.

"*trust*" tfisser *trust*, li t-*trustee* tiegħu għamel għażla skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 27D(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u

Kap. 123.

"*trustee*" tfisser kull *trustee* ta' *trust* meta dak it-*trustee* ikun persuna residenti f'Malta."

Tissostitwixxi r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Reġistrazzjoni minn kumpannija jew trustee.

3 (1) Persuna li tkun tixtieq tigi reġistrata mal-Kummissarju skont dawn ir-regoli ghandha tavża bil-miktub, lill-kumpannija jew it-trustee, skont il-każ, li minnhom tkun qed tistenna li tircievi dividend jew tqassim minn profitti li dwaru tkun tixtieq tagħmel talba biex tigi reġistrata u l-kumpannija jew it-*trustee*, skont il-każ, għandhom minnufih iwettqu r-reġistrazzjoni bil-mod stabbilit fir-regola 4:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda fejn il-kumpannija jew it-*trustee*, skont il-każ, b'riżultat ta' din ir-reġistrazzjoni jistgħu jiġu meqjusa li jkunu pagatur skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 41(b) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, din il-kumpannija jew *trustee* m'għandhomx ikunu obbligati li jirreġistraw lil din il-persuna li, wara li tkun ġiet mitluba mill-kumpannija jew *trustee*, ma tkunx ipprovdiet lill-kumpannija jew *trustee* garanzija, inkluża garanzija bankarja, għat-taxxa li tista' tkun pagabbli minnha skont l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*:

Kap. 123.

Kap. 123.

Iżda wkoll it-*trustee* għandu jirreġistra biss dawk il-benefiċjarji li jkun qed jistenna li ser ikollhom il-jedd li jirċievu tqassim mill-profitti tat-*trust*.

(2) Ir-reġistrazzjoni mill-kumpannija jew mit-*trustee*, skont il-każ, kif hemm fis-subregola (1) għandha tapplika għas-sena ta' stima li fiha tkun debitament saret ir-reġistrazzjoni mal-Kummissarju kif hemm fl-imsemmija subregola (1) u għas-snin ta' stima kollha sussegwenti sakemm dik il-persuna tavża lill-kumpannija jew lit-*trustee*, skont il-każ, li tkun trid tħassar ir-reġistrazzjoni tagħha kif hemm fir-regola 7 u dik it-tneħħija mir-reġistru tkun saret mill-Kummissarju:

Iżda għal kull sena ta' stima li tkun tapplika u li tiġi wara r-reġistrazzjoni msemmija f'dawn ir-regoli u sakemm ma jingħatax avviż tat-tħassir tar-reġistrazzjoni kif hemm fid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, għandu jitqies li:

(a) l-azzjonist reġistrat jew il-benefiċjarju reġistrat, skont il-każ, ikun bi ħsiebu jagħmel talba għar-rigward tat-taxxa li dwarha tkun saret stima għar-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' stima msemmija;

(b) ir-reġistrazzjoni rilevanti tkun ġiet imġedda għal kull waħda mis-snin ta' stima msemmija bid-dettalji oriġinali fuq l-applikazzjoni u, meta jkun japplika, kif emendati b'xi dettalji ġodda hekk kif avżati bil-miktub mill-kumpannija jew mit-*trustee*, skont il-każ, lill-Kummissarju;

(ċ) fil-każ ta' kumpannija, l-azzjonist reġistrat ikun qed jistenna li jirċievi dividend mill-profitti li jkunu nqalgħu għar-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' stima msemmija; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) fil-każ ta' *trust*, il-benefiċjarju reġistrat ikun qed jistenna li jirċievi tqassim mill-profitti attribwibbli lit-*trust* għar-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' stima msemmija."

Tissostitwixxi r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Metodu ta' reġistrazzjoni.

4. Il-kumpannija, jew it-*trustee*, skont il każ, għandhom jagħmlu din ir-reġistrazzjoni bil-mod li jigi stabbilit mill-Kummissarju."

Tissostitwixxi r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

5. Ir-regola 5 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Żmien li fih għandha ssir ir-reġistrazzjoni.

5 (1) Persuna għandha tkun intitolata li tagħmel talba skont is-subartikoli msemmija fir-regola 2 biss jekk fiż-żmien tat-talba tkun reġistrata skont dawn ir-regoli u dik ir-reġistrazzjoni tkun saret mhux iktar tard mid-data meta l-ewwel pagament tat-taxxa proviżorja tal-kumpannija jew tat-*trust* skont il-każ, għas-sena ta' stima relevanti jsir dovut jew fid-data meta l-kumpannija jew it-*trustee*, skont il-każ, iħallsu xi taxxa għal dik is-sena ta' stima skont liema tiġi l-ewwel:

Iżda meta l-perjodu li jibda mill-ewwel ġurnata tal-perjodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima relevanti u d-data meta l-ewwel pagament tat-taxxa proviżorja jkun dovut ikun inqas minn mija u għoxrin ġurnata, l-imsemmija reġistrazzjoni għandha tkun saret mhux aktar tard mid-data li fiha t-tieni pagament ta' taxxa proviżorja tal-kumpannija jew tat-*trustee*, skont il-każ, għas-sena ta' stima relevanti jkun dovut jew id-data li fiha l-kumpannija jew it-*trustee*, skont il-każ, jagħmlu pagament ta' taxxa għal dik is-sena ta' stima (minbarra l-pagament marbut mal-ewwel ħlas ta' taxxa proviżorja għal dik l-istess sena ta' stima) skont liema tiġi qabel:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda wkoll meta s-sena ta' stima relevanti tkun l-ewwel sena ta' stima tal-kumpannija jew tat-*trust*, skont il-każ, l-imsemmija reġistrazzjoni għandha tkun saret mhux aktar tard mid-data meta t-tieni pagament ta' taxxa proviżorja tal-kumpannija jew tat-*trust*, skont il-każ, għas-sena ta' stima relevanti kien ikun dovut li kieku dik is-sena ta' stima kienet it-tieni sena ta' stima u mhux l-ewwel sena ta' stima jew id-data meta l-kumpannija jew it-*trustee*, skont il-każ, iħallsu xi taxxa għal dak il-perjodu ta' kontjar skont liema tiġi l-ewwel.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregola (1) iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregola (3), ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subregola (1) għandha ssir mhux aktar tard mid-data tas-*settlement* ta' taxxa tal-kumpannija jew tat-*trust*, skont il-każ, għal dik is-sena ta' stima.

(3) Meta fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regoli, jew fid-data meta saret xi emenda relevanti f'dawn ir regoli, il-perjodu ta' żmien li fih għandha ssir reġistrazzjoni skont id-disposizzjonijiet preċedenti ta' din ir-regola ikun diġà skada jew tkun data li taqa' sa mija u għoxrin ġurnata minn dik id-data, ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subregoli (1) u (2) għandha ssir mhux aktar tard minn mija u għoxrin ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regoli, jew mid-data meta saret xi emenda relevanti f'dawn ir regoli, skont il-każ.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregoli (1), (2) u (3), il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu u sakemm ikun hemm biżżejjed raġunijiet serji biex issir it-talba, jaċċetta talba għar-reġistrazzjoni ta' persuna biex ikollha jedd tagħmel talba kif hemm fis-subartikoli msemmija fir-regola 2 iżda dik it-talba m'għandhiex issir aktar tard minn tmintax-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu tal-kontijiet li r-reġistrazzjoni taħt dawn ir-regoli tkun tirreferi għalih.

(5) F'din ir-regola:

(a) "is-sena ta' stima" relevanti hija l-ewwel sena ta' stima li fiha it-taxxa, li dwarha tkun saret jew ser issir talba u reġistrazzjoni skont dawn ir-regoli, hija stmata;

(b) "il-kumpannija" hija l-kumpannija li tagħmel pagament ta' dividend li bħala riżultat tiegħu dik il-persuna jkollha l-jedd li tagħmel talba skont is-subartikoli msemmija fir-regola 2;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) "it-*trustee*" huwa t-*trustee* residenti li jagħmel tqassim minn profitti li bħala riżultat tiegħu dik il-persuna jkollha l-jedd li tagħmel talba skont is-subartikoli msemmija fir-regola 2."

Tissostitwixxi r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

6. Ir-regola 6 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Dettalji ta' reġistrazzjoni u tibdil fihom.

6. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dawn ir-regoli għandha tindika l-jedd ta' dik il-persuna li tirċievi bħala dividend jew tqassim it-total jew parti tal-profitti distribwibbli tal-kumpannija jew tat-*trust*, skont il-każ, u dak il-jedd hawnhekk iżjed 'il quddiem jissejjaħ "il-jedd għall-profitt".

(2) Fejn kumpannija jew *trustee*, skont il-każ, jirreġistraw persuna għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, il-kumpannija jew *trustee*, skont il-każ, għandhom ukoll jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) dettalji tal-jedd għall-profitt tal-azzjonisti l-oħra kollha tal-kumpannija jew benefiċjarji tat-*trust*, skont il-każ, irrispettivament minn jekk dawn l-azzjonisti jew benefiċjarji jkunu talbu reġistrazzjoni skont dawn ir-regoli u indikaw separatament kull jedd għall-profitt ta' ammont fiss li jkunu intitolati għalih;

(b) dettalji dwar is-sidien benefiċjarji aħħarija tal-kumpannija jew tal-benefiċjarji tat-*trust* kif stabbiliti mill-Kummissarju; u

(ċ) kull tagħrif ieħor li jkun meħtieġ mill-Kummissarju.

(3) Kull tibdil fid-dettalji ta' reġistrazzjoni magħmula skont dawn ir-regoli, inkluż, fejn applikabbli, kull tibdil fil-jedd għall-profitti, għandu jiġi avżat lill-Kummissarju bil-mod kif jitlob il-Kummissarju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Meta t-tibdil jirrigwarda tibdil fil-jedd għall-profitt ta' persuna minn kumpannija jew *trust* u bħala riżultat ta' dan it-tibdil il-jedd għall-profitt ta' persuna reġistrata skont dawn ir-regoli jiġi mnaqqas u l-jedd għall-profitt ta' persuna oħra, kemm jekk tkun reġistrata u kemm jekk ma tkunx reġistrata skont dawn ir-regoli, jiżdied b'ammont jew perċentwali korrispondenti, ir-reġistrazzjoni ta' din l-aħħar persuna skont dawn ir-regoli għall-finijiet ta' din iż-żjieda fil-jedd għall-profitt għandha tkun effettiva mid-data tat-tibdil u d-disposizzjonijiet tar-regoli 5 u 7 m'għandhomx japplikaw għal dan it-tibdil:

Iżda r-reġistrazzjoni msemmija ghandha tiġi notifikata lill-Kummissarju fl-istess ħin mannotifika lill-Kummissarju tat-tħassir jew tnaqqis korrispondenti tal-jedd għall-profitt reġistrat f'isem l-ewwel persuna bħala riżultat ta' dan it-tibdil.

(5) Meta b'rabta ma' bidla msemmija fil-jedd għall-profitt ta' kumpannija jew *trust*:

(a) il-kondizzjonijiet tas-subregola (4) ma jkunux sodisfatti, id-disposizzjonijiet tar-regola 5 għandhom japplikaw għal kull reġistrazzjoni addizzjonali ta' jedd għall-profitt ta' xi persuna li jirriżulta minn dik il-bidla;

(b) persuna reġistrata skont dawn ir-regoli ma tkunx aktar intitolata għal ebda jedd għall-profitt fil-kumpannija jew *trust*, ir-reġistrazzjoni tagħha għandha tiġi mħassra permezz tal-imsemmi avviż, liema tħassir għandu jkun effettiv mid-data tal-bidla;

(ċ) persuna reġistrata skont dawn ir-regoli li kellha l-jedd għall-profitt tagħha mnaqqas, ir-reġistrazzjoni tagħha għandha tiġi emendata sabiex tirrifletti l-jedd għall-profitt il-ġdid u din il-bidla għandha tkun effettiva mid-data tal-bidla."

Tissostitwixxi r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

7. Ir-regola 7 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita

VERŻJONI ELETTRONIKA

b'dan li ġej:

"Tħassir ta' reġistrazzjoni.

7. Persuna li tixtieq tħassar ir-reġistrazzjoni tagħha skont dawn ir-regoli fir-rigward ta' kumpannija jew *trust* għandha tinforma bil-miktub lil dik il-kumpannija jew it-*trustee* ta' dak it-*trust*, skont il-każ, u l-kumpannija jew *trustee* għandhom ineħħuha mir-reġistrazzjoni billi jimlew dik il-formola li tkun stabbilita mill-Kummissarju u jibagħtu dik il-formola lill-Kummissarju bil-manjiera li jitlob il-Kummissarju. Dik it-tneħħija mir-reġistrazzjoni għandu jkollha effett minn meta din tiġi avżata lill-Kummissarju."

Tissostitwixxi r-regola 10 tar-regoli prinċipali.

8. Ir-regola 10 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Proċedura.

10. Kull reġistrazzjoni, bidla u tħassir ta' reġistrazzjoni għandha ssir mill-kumpannija jew *trustee* konċernati, skont il-każ, fuq talba bil-miktub mill-azzjonist jew benefiċjarju tat-*trust* konċernat, skont il-każ."